MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 532/2011

**Victor Spiteri (KI 442145M)**
**u Grace Spiteri (KI 392545M)**

**vs**

**Lindsay Shead (KI 554679(M)**
**u Conrad Galea (KI 312175(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta’ Gunju 2011, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta’ €897.00 (tmin mija u sebgha u disghin ewro) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' ta' €897.00 (tmin mija u sebgha u disghin ewro) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------